

# Mal-Istorja ma tilgħabx

Il-Kumitat Ċentrali

B'referenza għall-messaġġi li nkitbu mill-Kumitat Ċentrali tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria fil-Pubblikazzjoni Annwali tal-istess Għaqda (2015) b'mod speċjali fl-artiklu fil-paġna 25 sa 41, il-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. A.D. 1864 irid jerġa' jisħaq fuq il-verità kollha u mhux iħalli min idawwar l-istorja u jaħbi nofs verità kif jaqbel lilu.

Huwa nsult għall-qarrejja u għal dawk li jħobbu l-istorja ta' raħalna u tas-Soċjetajiet Mużikali ta' pajjiżna meta ngħawwġu s-sewwa magħruf. Ma nafx kif l-artikolista tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria jrid jibqa' jgħawweġ il-fatti hekk kif inkitbu mill-Imħallef l-Illustrissimu Dr G. Pullicino fid-Digriet tas-sentenza tas-7 ta' April 1900 u dik ukoll li ngħatat fil-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Diċembru 1900 mill-Imħallfin is-Sur Giuseppe Carbone LL.D (President), Luigi Ganado LL.D, u l-Baruni Alessandro Chapelle LL.D meta jsemmu bl-aktar mod ċar li ż-żewġ baned li kienu jeżistu fiż-Żurrieq ġew **XOLTI**.


Corte Civile di S.M.
Prim'Aula
Giudice
L'Illmo Dr G. Pullicino.
Seduta di
Sabato, sette Aprile 1900.

L-Imħallef Dr. G. Pullicino fis-sentenza miktuba minnu fis-7 t'April 1900 kiteb:-
***"Mismugħa d-difensuri tal-kontendenti u diversi xhieda;***
***Ikkunsidrat illi madwar ħames snin qabel żewġ baned mużikali li kienu għal xi żmien imwaqqfa fir-raħal taż-Żurrieq ġew xolti u ftit żmien wara ġiet imwaqqfa banda oħra bl-isem 'La Concordia'.***

Altro che, circa cinque anni addietro, due bande musicali che si erano da qualche tempo prima formate nel Casale Zurrico, si sciolsero e poco tempo dopo si costituì un'altra banda sotto il titolo della Concordia.

Corte d'Appello di Sua Maestà.

Giudici:

P.S.O. Sir Giuseppe Carbone, K.C.M.G.; LL.D.; Presidente.

Luigi Ganado, LL.D.

Barone Alessandro Chapelle, LL.D.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Majesta Tagħha tal-10 ta' Diċembru 1900, L-imħallfin Sir Giuseppe Carbone LL.D (President), Luigi Ganado LL.D, u l-Baruni Alessandro Chapelle LL.D kkonfermaw dak li ntqal u misħuġħ fejn kitbu:-

***"Illi madwar ħames snin qabel żewġ baned mużikali li kienu mwaqqfa f'xi żmien qabel fiż-Żurrieq, ġew xolti u ftit żmien wara ġiet kostitwita banda oħra bit-titlu ta' "La Concordia". F'dik l-okkażjoni ġie approvat regolament fejn soċju li jirtira mis-Soċjetà ma jkunx jista' jippretendi l-ebda kwota mill-fond soċjali u lanqas ebda kumpens ieħor. Ġie maqbul ukoll li l-banda kellha tibqa' estranea minn kwalsiasi partit;"***


Che circa cinque anni ad-
dietro due bande musicali
che si erano da qualche tem-
po prima formate in Zurrieq,
si sciolsero e poco tempo do-
po si costituì un' altra ban-
da sotto il titolo della "Con-
cordia". In quell' occasione
fu approvato un regolamento
per cui il socio che si fosse
ritirato dalla società non
poteva pretendere alcuna
quota del fondo sociale nè
alcun altro compenso. Fu an-
che convenuto dovere la ban-
da rimanere estranea a
qualsiasi partito:

Che

Aktar minn hekk, jekk dawn ma kienux kitbiet storiċi u ċari biżżejjed tal-Imħallfin imsemmijin għall-artikolista tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria u jrid ikompli jgħawweġ il-fatti, din is-sena ser nippubblikaw ix-xhieda tal-President Dr. Emmanuele Degiorgio tal-24 ta' Ottubru 1899. Dan qiegħed jikkonferma bil-ġurament li l-Filarmonica 'La Concordia' kienet banda **ġdida** li twaqqfet sentejn qabel ma hu spiċċa minn President tagħha f'Lulju 1897. Dan jiġifieri li Dr Degiorgio xehed fil-Qorti li l-banda l-**ġdida** - il-Filarmonica 'La Concordia' twaqqfet fl-1895.

19

Corte Civile di S.M. l'Aula
Giudice - Dr G. Pellicino
Martedì 24 Ottobre 1899

Faz: 930

Filippo Camilleri
vs
Carmelo Zammit

2 Dr Emmanuele Degiorgio del Dr Michelangelo prodotto dai convenuti:

Io fino a Luglio 1897 fui Presidente della Società Filarmonica La Concordia del Zurrico. La Società si era formata circa due anni prima. Io presi parte nella Società dopo che le due bande ch'erano nel Casale si fusero in una sola sotto il titolo della Concordia. In quell'occasione si fecero dei Regolamenti scritti. La carta sulla quale erano scritti quei regolamenti era presso il convenuto Zammit, direttore della Banda. Quella carta era accessibile a tutti i soci e si trovava nel Ca-

Ir-raba' konferma li l-Banda Filarmonica 'La Concordia' hija banda **ġdida** u mhux **kontinwazzjoni** tal-ebda banda Żurriqija (għax dawn il-baned 'Filarmonica Mannarino' u l-'Filarmonica del Cavaliere' **xoljew** u **mietu**) jiktibomna l-istoriku u l-kittieb Robert Mifsud Bonnici fil-ktieb tiegħu 'Ġrajja tal-Mużika f'Malta u Għawdex'. L-istoriku Robert Mifsud Bonnici jgħid: **"Minħabba spirtu qawwi li jsakkar u jdgħajjef tal-partiti politiċi li kienu jeżistu ż-żewġ baned "Mannarinu" u "Kavallier" ifjakkaw u ġew fix-xejn".**

Imbagħad l-artikolista tal-Għaqda Karmelitana joqgħod jgħidilna b'qerq jew fantażija fertili fil-moħħ tal-artikolista li 'La Filarmonica Del Cavalier' baqgħet ma xoljietx u mietet biss 'La Filarmonica Mannarino'. Irid igiddeb lill-Imħallef Dr. G. Pullicino, lis-Sur Giuseppe Carbone LL.D, Luigi Ganado LL.D, u l-Baruni Alessandro Chapelle LL.D li dawn kollha kitbu **bl-iswed fuq l-abjad fid-Digriet tal-Kawżi li ż-żewġ baned taż-Żurrieq ġew XOLTI.** L-artikolista irid ikompli jeħodha kontra dan is-sors primarju u awtentiku li nkiteb f'dak l-istess żmien li xoljew il-baned. Il-**Qerq** ikompli joħrog fil-*logo* uffiċjali li l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria ħarġet bih din is-sena 2015 fejn huwa fatt magħruf li l-kontinwazzjoni tal-banda ġiet itterminata bix-**xoljiment**. Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. siegħa meta kienet taħt Circolo Zurrico u kif ukoll bl-isem Circolo Santa Caterina - qatt ma ġiet xolta. La l-artikolista qiegħed jikkonferma li la 'Circola La Stella', u l-anqas iċ-'Circolo Zurrico / Circolo Santa Caterina' dawn qatt ma kellhom banda fi ħdanhom, l-artikolista qiegħed ikompli jikkonferma li s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. qatt ma ġiet **xolta**.



INSERZIONE COMUNICATA

Dobbiamo accennare con molto piacere, che in alcuni nostri villaggi si stanno formando alcune società di giovani, che vanno istruendosi nell' arte musicale, a vantaggio del paese. Noi menzioniamo per ora quella di Casal Zurico, la quale è formata di 24 giovani, alcuni dei quali ecclesiastici, i quali sotto la direzione del loro bravo maestro. sig. Luigi Carabott, in meno di due anni, hanno fatto un profitto straordinario e sorprendente. Ci basti il dire, che nella scorsa festività di Santa Caterina, nella Chiesa principale del Zurrico, hanno eseguito a musica ne' giorni del triduo la Sinfonia, l' inno e l' antifona della Santa, ed il *Tantum Ergo*; e nello scorso Venerdì Santo hanno egregiamente eseguito il *Miserere* e i Responsorii, scritti loro appositamente per questa circostanza, e ciò indipendentemente da altri pezzi, che eseguiscono a meraviglia. È incredibile a dirsi, che questi giovani non avessero verun principio di musica, e che in questo breve tempo siano giunti a tale grado. Alcuni di loro poi sono gente di lavoro, non letterata; e quindi hanno un doppio merito. Ci piace però di rilevare, che questi giovani non si sono applicati ad eseguire solamente pezzi profani, a discapito della parte sacra: anzi tutto al contrario si sono dedicati principalmente al sacro, e ciò colma loro di grande onore; dappoichè quando simili società sono basate sui principii religiosi, esse tornano utilissime alla Chiesa e al paese. Noi pertanto gl' incoraggiamo a proseguire oltre nella carriera intrapresa, e la loro opera sarà coronata, non è dubbio, di felice successo. Nello stesso mentre ci congratuliamo col benemerito parroco del villaggio, il M. R. D. Vincenzo Schembri, il quale ha avuto il bene di vedere inaugurata sotto i suoi auspici questa società, da lui molto incoraggiata.

A. FERRES

*Kopja tal-artiklu li deher bit-Taljan fil-ġurnal L-Ordine tal-21 ta' April 1865 f'paġna 4 miktub minn Achille Ferres li jitkellem fuq it-twaqqif u l-ewwel attività tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina sa mill-1864*

Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. A.D 1864 dejjem iċċelebrat l-għeluq tal-anniversarji mit-twaqqif tas-Soċjetà li twaqqfet fl-1864 taħt l-awspiċi tal-Kappillan Dun Vinċenz Schembri u taħt id-direzzjoni tas-Surmast Luigi Carabott.

L-istoriku Achille Ferres jikteb u jiddeskrivi tant tajjeb fil-ġurnal 'L-Ordine' tal-21 ta' April 1865 f'paġna 4, meta jirreferi għat-twaqqif tas-Soċjetà li Dun Vinċenz Schembri tant inkoraġġixxa:- **"Fl-istess ħin irridu nroddu ħajr lill-ħabrieki Kappillan Dun Vinċenz Schembri, li kellu s-sodisfazzjon li taħt l-awspiċi tiegħu jara tiġi mwaqqfa din is-Soċjetà li hu tant inkoraġixxa".** Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. tibbaża fuq dan l-artiklu ta' Achille Ferres b'għajnuna ta' sorsi primarji oħra bħall-kotba tal-prokura tal-Knisja u tal-artikli mill-ġurnali li jmorru lura għal dan iż-żmien li qegħdin nitkellmu fuqu. Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. tibqa' tibbaża u tuża' l-artiklu ta' Achille Ferres bħala sors awtentiku ta' min jorbot fuqu għax Ferres kien storiku u rikonoxxut f'Malta kollha u ma kellu l-ebda interess

li jdawwar il-fatti hekk kif jerġa' jagħmel l-artikolista tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria. Din id-darba qiegħed jerġa' jqarraq bil-qarrejja tiegħu li l-banda li daqqet barra fil-festa ta' Santa Katarina fl-1864 kienet banda ta' ftit bandisti. Dan mhu vera xejn għax kif jidher fil-kontijiet tas-sena 1864 tal-*Veneranda Lampada* (il-Kontijiet tal-Prokura taż-Żurrieq) minn idejn il-prokuratur Dun Stiefnu Zammit jidher ċar li l-prokuratur ħallas **f'somma waħda** s-somma ta' 50 skud lill-Għaqda Mużikali waħda tas-Surmast Luigi Carabott. Dawn saru għas-servizzi ta' tliet ijiem tat-Tridu (kif kiteb Achille Ferres fil-ġurnal 'L'Ordine') u għas-servizz li għamlet il-banda fil-festi esterni ta' Santa Katarina V.M. 1864 **'pagati per banda e per musica del triduo - 50 schudi'.** Achille Ferres jirreferi tant tajjeb għall-24 żagħżugħ li kienu jdoqqu - altru li kienu daqqew ftit mużiċisti!! Hekk kif iddokumentat fil-kotba tal-prokura tal-Knisja Dun Stiefnu Zammit f'dawk iż-żminijiet żdidietlu in-nefqa ta' 20 skud għall-mużika tat-Tridu fil-Knisja. It-30 skud l-ieħor li ħallas lill-Għaqda Mużikali ta' Luigi Carabott huma l-ħlas tas-servizz tal-banda li tat fil-festa ta' Santa Katarina V.M. fl-1864. L-artikolista tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria ma jaqbel xejn fil-terminu ta' *banda* mas-Sur Alfred Camilleri fil-ktieb tiegħu 'Ġrajjiet is-Soċjetà Karmelitana u Banda Queen Victoria Żurrieq' f'paġna 7 - *la banda del casale*. Dan għaliex jidher biċ-ċar li s-Sur Camilleri ried jirreferina għall-banda 'Filarmonica del Zurrico'. L-awtur, fl-istess ktieb kiteb ukoll li fl-1866, din il-banda tħallset 30 skud mill-prokuratur tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, Dun Lawrenz Zahra, fil-festa tagħha. Mela s-somma tal-istess ħlas ta' 30 skud huma ġġustifikati għas-servizz tal-Filarmonica del Zurrico imma skont l-artikolista tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria - is-somma ta' 30 skud imħallsa fl-1864 - lill-Għaqda Mużikali / Banda ta' Mro Luigi Carabott *(sentejn biss qabel)* - ma japplikax bl-istess mod?!

L-artikolista jkompli f'paġna 33: "Aħna mhux qegħdin ngħidu li Carabott qatt ma qabad il-bakketta b'idu sal-1875 (biex imexxi l-orkestra) imma qegħdin ngħidu li minn dak li hemm miktub fl-istorja tal-Filarmonika Nazzjonali La Vallette, jidher li l-ewwel esperjenza tiegħu ta' direzzjoni ma' Filarmonika, jew aħjar banda kif nafuha llum seħħet għall-ewwel darba fl-1875 u allura mhux ġewwa ż-Żurrieq." Għaldaqstant dan l-artikolista qiegħed jgħid li l-istoriku Achille Ferres huwa giddieb??? Trid tkun vera prużuntuż biex tipprova tgiddeb lill-istoriku famuż u ta' fama nazzjonali, Achille Ferres, f'dak li hu kiteb 150 sena ilu!!! (Achille Ferres jispjega ċar ***"...i quali sotto la direzione del loro bravo Maestro Sig. Luigi Carabott..."*- "...taħt id-direzzjoni tal-bravu Surmast Sig. Luigi Carabott..."**

F'paġna 35, l-artikolista tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria għoġbu jsemmi li fil-Festa Titulari għas-snin 1898 u 1899 ma daqqitx il-Filarmonica 'La Concordia'. Dak iż-żmien kien diġà beda l-inkwiet li wassal għall-kawża fil-Qorti għax is-Surmast Carmelo Zammit ried jirrevoka r-regolarmenti. Dan jaqbel perfettament ma' dak li l-istoriku Anthony Mangion kiteb fil-ktieb:- 'Santa Katarina Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq.' Fil-kitba tiegħu Anthony jikkonferma li dan ġara minħabba l-inkwiet il-ġdid li kien inqala' fi ħdan il-Banda waħdanija 'La Concordia'. Dan huwa kkonfermat ukoll minn diversi ittri lill-Editur fil-'Gazzetta tal-Poplu' bħala banda ta' 4 minn nies u li ma jridha ħadd!

Fil-programm tal-festa ta' Santa Katarina V.M. 2014 li toħroġ is-Soċjetà tagħna f'paġna

43, il-Kumitat kiteb hekk: "Referenza oħra li qiegħed jagħmel l-artikolista tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria hija fin-nuqqas li tissemma' is-Soċjetà tagħna fis-snin 1931-32 fil-*Guida Generale di Malta e Gozo* fejn bl-istess mod hemm ukoll dawn is-snin: 1908, 1918, 1920, 1922 u 1923 fost oħrajn li tissemma' 'Filarmonica Santa Catarina' u l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria ma tissemmix fihom. Għaldaqstant meta wieħed jirrakonta l-istorja għandu juża l-istess kejl!! Permezz ta' dak li kiteb l-artikolist tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria jikkonferma li l-informazzjoni tal-*Guida Generale di Malta e Gozo* kienet informazzjoni li kienet tiġi mgħoddija lilu. Għalhekk għandu juża' l-istess kejl anke meta jitkellem fuq is-Soċjetà tagħna bejn 1931-1932.

Huwa veru li bi żvista niżżilna li fl-1893 il-Filarmonica 'La Concordia' biddlet il-post tagħna u marret f'numru 10, Triq San Bartilmew, flok is-sena 1899. Wieħed irid jistaqsi lill-artikolista, is-Sur Alfred Camilleri f'artiklu tiegħu f'paġna 170 fl-istess publikazzjoni li qegħdin nitkellmu ppubblikaw ritratt ta' 18, Triq San Leopoldo;- Xi prova għandu li l-post li wera fir-ritratt hu s-sede tal-Filarmonica 'La Concordia'? Bl-istess mod l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria ma tat l-ebda prova għall-irħama li kienet twaħħlet minnha - fi Triq il-Qrendi hekk kif taqbad ma' Triq il-Ħaddiema. Fir-ritratt li ppubblika s-Sur Alfred Camilleri l-istess f'paġna 4 - huwa **veru** li jidher il-post fejn kienet is-Sede tal-Filarmonica del Zurrico f'numru 20 Strada Brittanica???

Kull darba li l-artikolista tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria jsemmi l-isem tal-Banda 'Filarmonica del Cavaliere' dejjem isemmi li kien il-laqam tal-banda! L-editur tal-*Guida Generale di Malta e Gozo* iniżżel l-**isem** tal-banda jew tas-Soċjetà u mhux il-laqam tagħha. Ngħidu aħna, fil-*Guida Generale di Malta e Gozo* ta' diversi snin fosthom tal-1885, 1887, 1888, 1890, 1891 u fl-1892 dejjem tissemma' l-'Filarmonica del Cavalier'.



*Il-Kavallier Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro*

F'paġna 25, l-artikolista ppubblika ritratt tal-Kavallier Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro liema ritratt għandu l-firma tal-istess Zimmermann fuqu. Mal-firma hemm il-kliem ***President of the Queen Victoria Band from 1878 to 1895.*** Aħna nistaqsu mela meta l' Marchesi Zimmermann kien President bejn l-1878 u 1895 l-Banda kien jisimha Queen Victoria??? Aħna **konvinti** li dan ir-ritratt huwa manipulat jew fih it-tbabis tal-fatti għax Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro kien President tal-Filarmonica del Cavaliere!!!

Skont il-pubblikazzjoni Ġrajja tal-Baned Maltin u Għawdxin, Volum 1 paġna 79, l-istoriku Robert Mifsud

Bonnici jgħid li fl-1908, il-Banda Queen Victoria ta' Tas-Sliema xoljiet u l-uniformi inbiegħet lill-Banda La Stella taż-Żurrieq. B'konsegwenza t'hekk l-isem tal-Banda kellu jinbidel għall-Queen Victoria Band.

## Konklużjoni

1. F'paġna 39 l-artikolist jirreferi għall-Orkestra li twaqqfet fiż-Żurrieq u li kienet primarjament mitfugħa fuq mużika sagra. L-artikolista qatt ma jgħid li Achille Ferres fl-aħħar tal-artiklu tiegħu jsemmi t-twaqqif tas-Soċjetà!! Achille Ferres fil-ġurnal 'L'Ordine' tal-21 ta' April 1865 f'paġna 4 kiteb "Ta' min jinnota b'sodisfazzjon illi dawn iż-żgħażagħ ma jitħarrġux **BISS** f'mużika profana b'detriment għal dik sagra, iżda għall-kuntrarju huma prinċipalment iddedikati għall-mużika sagra u ta' dan jistħoqqilhom l-akbar ġieħ. Is-Soċjetajiet li jinbnew fuq prinċipji reliġjużi, ikunu ta' ħtieġa għall-knisja u għall-pajjiżna. Minn hawn naraw li din l-Għaqda Mużikali kienet iddoqq kemm mużika sagra (mużika li tindaqq fil-knisja) u kif ukoll mużika profana (mużika li tindaqq ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra)."

   Barra minn dan, l-istess artikolista **m'għandu qatt u bl-istess mod** jipprova jaħrab milli jippreżenta l-provi neċessarji tat-twaqqif tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria. Għaldaqstant ser nerġgħu nitolbu biex din l-Għaqda tippreżenta mqar dokument wieħed li juri t-twaqqif tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria fl-1865!!

2. Għat-tieni affermazzjoni: l-artikolista qiegħed jikkonferma li l-Għaqda Mużikali li jirreferi għaliha Achille Ferres tas-Surmast Luigi Carabott daqqet anke bħala banda fil-festa ta' Santa Katarina f'Novembru tal-1864. Dan huwa sostnut ukoll minn dokumenti awtentiċi tal-Prokura tal-Knisja kif semmejna qabel fejn tissemma' li daqqet il-Banda. Fis-snin **1864-1865,** l-Għaqda Mużikali ta' Carabott daqqet fil-festa ta' Santa Katarina V.M. u aħna ma ltqajna ma' **l-ebda dokument li f'dawk is-snin din l-għaqda / banda daqqet fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.**

3. L-artikolista tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria m'għandu l-ebda dritt imeri s-sewwa magħruf u miktub iswed fuq l-abjad. Il-Kumitat Ċentrali jerġa' jisħaq li fid-Dirgiet tas- Sentenza li ngħatat fis-7 ta' April 1900 mill-Imħallef l-Illustrissimu Dr G. Pullicino u dik ukoll li ngħatat fil-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Diċembru 1900 mill-Imħallfin Sir Giuseppe Carbone LL.D (President), Luigi Ganado LL.D, u l-Baruni Alessandro Chapelle LL.D ikkonfermaw u kitbu li t-twaqqif tal-**banda l-ġdida** 'La Concordia' sar żmien wara x-**xoljiment** taż-żewġ baned li kien hawn ġewwa ż-Żurrieq (u mhux kif jgħidu l-artikolisti tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria - li l-'Filarmonica Mannarino' biss xoljiet imma kienet il-'Filarmonica del Cavaliere' li ġiet **XOLTA wkoll).** Minn dawn inkomplu nsostnu li l-Filarmonica 'La Concordia' kienet banda ġdida. Illum ippubblikajna parti oħra mix-xhieda ta' Dr. Emmanuel Degiorgio tal-24 ta' Ottubru 1899 fejn xehed it-twaqqif tal-banda **ġdida** l-Filarmonica 'La Concordia' fl-1895.

   Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. tagħraf it-twaqqif tagħha fl-1864 hekk kif deskritt u spjegat sew mill-kittieb storiku Achille Ferres kif ukoll mill-kotba tal-Prokura tal-Knisja (Libra Esito della Veneranda Lampada, 1851-1891). Dan

huwa indipendenti minn kwalunkwe banda oħra li setgħet tagħmel parti minn din is-Soċjetà għaliex matul l-istorja tagħha din is-Soċjetà kienet tħaddan fiha diversi elementi mużikali, sewwa orkestrali u kif ukoll bandistiċi. Għaldaqstant, bil-**fatti nkomplu nuru** li s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. hija l-ewwel Soċjetà Mużikali fiż-Żurrieq bi storja kontinwa.

**Il-Kumitat jixtieq ifakkar bil-mod dinjituż li s-sena l-oħra ċċelebrajna l-150 sena mit-twaqqif tal-Ewwel Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. A.D. 1864. Illum, sena wara nistgħu nindunaw aktar x'tip ta' ċelebrazzjonijiet iċċelebrajna flimkien - li kienu tal-ogħla livell, bil-qofol ikun it-tieni Ġemelaġġ Mużikali Internazzjonali li l-Banda Santa Katarina V.M. għamlet mal-banda Ġermaniża tal-Black Forest - The Upper Rhine Youth Wind Band. Kellna l-privileġġ li narawhom idoqqu fostna ż-Żrieraq propju fil-festa titulari ta' Santa Katarina V.M. Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. hija kburija li l-Banda Santa Katarina V.M. siefret 7 darbiet u dejjem ħadet ħsieb l-organizzazzjoni kollha hi - mill-bidu sal-aħħar. Il-Banda Santa Katarina V.M. hi l-Banda Żurriqija li għamlet 2 ġemelaġġi mużikali uniċi fiż-Żurrieq ma' baned barranin. Mhux l-istess nistgħu ngħidu għall-banda l-oħra taż-Żurrieq. Il-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. jawgura lill-Banda Queen Victoria għas-safra li hi ser tagħmel ġewwa San Marino grazzi għall-preparamenti mibdija mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, meta dan kien qed iħejji biex isiefer lill-Orkestra taż-Żurrieq fi ħdan l-istess Kunsill Lokali!**

**Referenzi:**


• Achille Ferres, *L'Ordine* tal-21 t' April 1865 paġna 4, Malta.
• Arkivju Parrokkjali Żurrieq., Zurrico: Libro Esito della Veneranda Lampada, 1851 – 1891, Malta.
• Arkivju Parrokkjali Żurrieq., Zurrico: Libro Esito della Veneranda Lampada, 1891 – 1931, Malta. ***(Il-kontijiet tal-Prokura tal-Knisja: Libro Esito della Veneranda Lampada (huma wħud mill-aqwa Sorsi Primarji għad-dokumentazzjoni għax joħduna fiż-żminijiet eżatt li nkunu qed nitkellmu fihom.)***
• Camilleri A., Ġrajjet is-Soċjetà Karmelitana u Banda Queen Victoria, Żurrieq, Malta, 2006.
• Il-Qorti Ċivili tal-Maestà tagħha Prim-Awla; l-Imħallef Illustrissimu Dr. G. Pullicino, tas-Seduta tas-Sibt 7 t' April 1900.
• Fil-Qorti tal-Appell tal-Maestà tagħha; l-Imħallfin Sir Giuseppe Carbone LL.D. President, Luigi Ganado LL.D. u l-Baruni Alessandro Chappelle tat-Tnejn 10 ta' Diċembru 1900.
• Mangion A., Zerafa K., Santa Katarina - Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq, 1989, Malta.
• Mifsud Bonniċi R., Ġrajja tal-Baned Maltin u Għawdxin, Malta, 1956 – 57, Vol I.
• Posters tas-serati u d-drammi li kienu jittellgħu fil-Każin Santa Katarina V.M.
• Pubblikazzjoni Annwali tal-Madonna tal-Karmnu Żurrieq – Festa 2015 – Maħruġ mill-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, Malta.



Borgo Maggiore lì, 20 Marzo 2015/1714 d.F.R.

Spett. le
**Zurrieq Local Council**
**Centru tal-komunita Joe Cassar**
Triq Pietru Pawl Saydon
Zurrieq – Malta

Spett. le
**Ghaqda Karmelitana**
**Banda Queen Victoria**
Misrah ir-Repubblika, Zurrieq ZRQ1010
Malta

**Prot. n° ________**

**Oggetto: Invito ufficiale per Vs. visita in seno al gemellaggio Castello di Borgo Maggiore – Città di Zurrieq**

Con la presente, al fine di continuare e proseguire la grande amicizia che lega Zurrieq e Borgo Maggiore, sia a livello popolare che istituzionale, nonché per rinnovare lo spirito di gemellaggio tra le ns. città siamo ad porgerVi il ns. caloroso e fiducioso invito a salire in Repubblica per onorare degnamente il ns. consolidato sodalizio.

La Vs. graditissima visita si potrebbe tenere dal 28 agosto al 4 settembre p.v., e ci terremmo particolarmente se vedesse la partecipazione dei membri della Vs. Filarmonica "Banda Regina Vittoria" accompagnati ovviamente da altri Vs. amici e concittadini di Zurrieq. Sappiamo infatti che quest'anno cade un anniversario importante per la Vs. formazione musicale, le celebrazioni del 150° anniversario della fondazione della Vs. prestigiosa Banda.

Vi chiediamo pertanto la Vs. disponibilità a partecipare ed esibirvi sia ai festeggiamenti della ns. festa nazionale - 3 settembre (Festa di San Marino e di Fondazione della Repubblica) sia ad altri eventuali due eventi musicali da organizzare congiuntamente.

Lasciateci manifestare la felicità e l'orgoglio di poterVi annoverare tra gli Ospiti graditi del ns. Castello e della ns. Repubblica, sarebbe infatti per noi un onore e un privilegio poterVi avere anche come intrattenitori, attraverso la Vs. Banda, a delle manifestazioni così importanti per la vita sociale ed istituzionale della ns. Repubblica.

Rimaniamo disponibili ad incontrare in Repubblica, entro il mese di giugno p.v., una Vs. delegazione in visita per meglio organizzare e concertare gli eventi sopra proposti.

In attesa di un Vs. riscontro alla presente e speranzosi di un Vs. formale accoglimento dell'invito sopraesposto con l'occasione sono a porgere, a nome della Giunta di Castello di Borgo Maggiore e mio personale, cordiali saluti.

Il Capitano di Castello
Federico Cavalli

*Invit tas-safra ta' San Marino*